# NOMINA TAS-SUR MARC VELLA BONNICI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-IŻLANDA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

   *L-Iżlanda hu pajjiż żgħir kif ukoll gżira bħal Malta. Għalhekk ħafna mill-isfidi li għandhom, speċjalment dawk ekonomiċi, huma simili għal tagħna. L-Iżlanda għandha Prodott Domestiku Gross per capita (PPP) ta' $78,000 li hu simili għal Malta, iżda għandhom inflazzjoni qawwija (6% fl-2024) u l-munità tagħhom (Krone Iżlandiż), hi daqsxejn volatili. Hemm ukoll tħassib fuq kemm l-ammont ta' turisti (2 miljuni fis-sena) hu sostenibbli.*

   *Imma forsi fost l-akbar sfidi li jaffaċjaw l-Iżlanda huma dawk ambjentali, għax filwaqt li l-pajjiż hu wieħed mill-isbaħ, hu espost għal maltemp u għargħar, flimkien ma' terremoti u erużjonijiet vulkaniċi. L-Iżlanda, bħal Malta, għandha problema bil-konservazzjoni tal-ħamrija u d-degradazzjoni tal-art. Filwaqt li industriji bħat-turiżmu, sajd, agrikoltura u industrija jridu jkomplu jikbru u jissaħħu, ukoll bħal Malta, hija sfida kif il pajjiż ikun dejjem aktar preparat għall-futur f'dawn is setturi.*

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

   *A. Relazzjonijiet Internazzjonali – Bħala pajjiż Ewropew żgħir u gżira li, bħal Malta, irnexxilu jiżviluppa l-ekonomija, jista' jkun hemm iktar ko-operazzjoni biex huma jgħinu pajjiżi żgħar oħra tat-Tielet Dinja. Iż-żewġ pajjiżi huma parti miż-Żona Ekonomika Ewropea, fejn flimkien jistgħu jsemmgħu leħinhom b'mod aħjar u aktar sod favur il-pajjiżi żgħar fi ħdan din l-istituzzjoni.*
   *B. Ekonomija – L-Iżlanda għandha setturi tal-farmaċewtiċi u tas-saħħa li huma żviluppati sew u jista' jkun hemm opportunitajiet ta' ħafna aktar ko-operazzjoni f'dawn l-oqsma. Setturi oħra fejn jista' jkun hemm opportunitajiet ta' ko-operazzjoni huma s-sajd u t-turiżmu.*
   *Ċ. Konnettività – Binarju importanti ieħor biex jkun jista' jiżdied il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi huwa dak tal-konnettività bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan huwa fattur importanti ħafna, speċjalment għas-setturi tan-negozju u t-turiżmu.*

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

   *Xogħoli bħala Ambaxxatur hu li nsaħħaħ u niffaċilità rabtiet aktar mill-qrib f'dawn l-oqsma billi nara li jkun hemm aktar għarfien miż-żewg naħat fuq istituzzjonijiet governattivi u dawk privati f'dawn l-oqsma kif ukoll oqsma oħra. Fejn ikun meħtieġ, inlaqqa' ż-żewġ naħat b'mod virtwali u fejn possibli anke fiżiku. Huwa kruċjali li il-maġġoranza tax-xogħol tal-Ambaxxatur tkun ibbażata fuq it-tisħiħ tal-kommunikazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Hekk biss inkunu nistgħu ntejbu l-għarfien dwar xulxin, kif ukoll niftħu niċeċ u opportunitajiet ekonomiċi ġodda bejnietna.*

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   *Naħseb li l-ikbar sfida hi li nkunu nafu aktar fuq xulxin. Kif semmejt qabel, hemm ħafna li hu simili bejnietna, imma hemm ħafna li hu differenti wkoll. Il-ġeografija tifridna għax waqt li ż-żewġ pajjiżi huma fil-periferija tal-kontinent Ewropew, l-Iżlanda qegħdha fit-tramuntana u Malta fin-nofsinhar. Għalhekk jeħtieġ li nsiru nafu aktar lil xulxin. Il-konnettività ta bejn iż-żewġ pajjiżi hija waħda mill-akbar sfidi biex insaħħu r relazzjoni bejnietna.*

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrapreżenta lil pajjiżna?

   *Fuq livell politiku, naħseb li l-ewwel niċċa li għandna in komuni hu l-fatt li ż-żewġ pajjiżi huma gżejjer żgħar, u b'hekk jista' jkun hemm aktar ko-operazzjoni f'istituzzjonijiet internazzjonali. Niċeċ oħra li nistgħu nsibu sinerġija fuqhom huma t-turiżmu, sajd, agrikoltura u industrija. Dawn huma kollha setturi li fil-preżent ftit li xejn hemm sinerġija fuqhom bejn iż-żewġ pajjiżi. Settur ieħor li nesplora huwa dak sportiv, partikularment fejn tidħol il-logħba tal-futbol fejn jistgħu jsiru skambji ta' training camps bejn it-timijiet nazzjonali partikularment minħabba l-klima partikolari taż-żewġ pajjiżi.*

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   *Għandna nibdew billi nużaw u nisfruttaw aħjar l-għodod preżenti. L-Iżlanda hi membru tal-EFTA li għandha ftehim mall-Unjoni Ewropeja dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Bl-eċċezzjoni tal-agrikolura u s-sajd, l-Iżlanda għandha aċċess liberu għall-prodotti, servizzi, ħaddiema u kapital mas-suq Ewropew kollu. Fuq livell ekonomiku, hemm opportunitajiet għal relazzjonijiet eqreb*

*fis-sajd (l-Iżlanda hi esperta f'dan il-qasam u tesporta ħafna prodotti tal-ħut), il-qasam farmaċewtiku u t-turiżmu. Kif għidt qabel ukoll, għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi billi nikkonsolidaw il-kommunikazzjoni bejn il-pajjiżi.*

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

*Malta u l-Iżlanda huma membri f'diversi organizazzjonijiet internazzjonali li huma l-istess. Bħala żewġ pajjiżi żgħar, kif ukoll gżejjer, naħseb li hemm lok ta' aktar ko-operazzjoni u kollaborazzjoni f'dawn l-organizazzjonijiet.*

*L-ikbar differenza (barra l-Unjoni Ewropea) hi li l-Iżlanda hi membru tan-NATO filwaqt li Malta mhix.*

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

*Iva, persważ anzi li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu. Iż-żewġ pajjiżi għandhom livell ta' għixien għoli li jippermetti lil ħafna ċittadini tagħhom li jivvjaġġaw għal skopijiet turistiċi. Iż-żewġ pajjiżi għandhom ħafna x'joffru lit-turisti tagħhom, għax waqt li l-Iżlanda għandha sbuħija naturali kbira, Malta għandha l-istorja u l-klima. B'mod partikulari, ix-xitwa Iżlandiza hi qalila u kiefra u naħseb li dan joħloq opportunità tajba biex l-Iżlandizi, l-aktar dawk aktar avvanzati fl-età, iżuru Malta fix-xhur tax-xitwa.*

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

   *L-Iżlanda għandha ftehim kummerċjali mal-Unjoni Ewropea li kien iffirmat fl-1972. Hi applikat għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea fl-2009, iżda din l-applikazzjoni ġiet friżata mill-Gvern suċċessiv Iżlandiz fl-2013. Iż-żewġ pajjiżi huma membri fiż-Żona Ekonomika Ewropea u bħala pajjiżi żgħar u gżejjer hemm skop kbir għal aktar ko-operazzjoni.*

10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Le, qatt ma kont involut fi ħdan il-Korp Diplomatiku. Iżda għal ħdax-il sena konsekuttivi servejt bħala Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista. F'din il-pożizzjoni, kelli l-opportunità li naħdem fil-qrib mal-korp diplomatiku barrani f'pajjiżna u kienet esperjenza li minnha tgħallimt ħafna u bnejt tagħrif siewi x'jinvolvi rwol bħal dan.*

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

   *Bħalissa nokkupa il-kariga ta' Viċi Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Kemm-il darba niġi approvat bħala Ambaxxatur, se nkun qed nirriżenja minn din il-kariga.*

12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

    *Le, m'għandi l-ebda attività kummerċjali.*

13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

    *Le, m'għandi l-ebda rabta jew investiment kummerċjali mal-pajjiż rispettiv.*

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżlanda?

   *Ir-rowl tieghi bhala Ambaxxatur jinkludi li:*

   - *Nesplora u niffaċilita opportunitajiet ta' ko-operazzjoni ikbar fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi, b'mod partikulari fil-politika barranija taż-żewġ pajjiżi;*
   - *Inħares l-interessi ta' Malta fl-Iżlanda;*
   - *Nagħti informazzjoni, għajnuna u fejn nista' pariri liċ-ċittadini u intrapriżi Maltin li għandhom interess fl-Iżlanda;*
   - *Inħejji rapporti regolari dwar dak li jkun qed jiġri fl-Iżlanda.*

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Iżlanda?

   *L-Iżlanda u Malta huma żewġ pajjiżi simili, iżda differenti fl-istess ħin. L-aktar karatteristika simili hu l-fatt li t-tnejn huma pajjiżi Ewropej, zgħar u gżejjer.*

*Huma għandhom livell ta' għixien relattivament għoli. Malta hu pajjiż newtrali, filwaqt li l-Iżlanda hu membru fin-NATO. L-isfida prinċipali hi kif jistgħu jifhmu lil xulxin aħjar, biex b'hekk ikunu jistgħu jsaħħu r-relazzjonijiet bejniethom.*

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Iżlanda?

   *L-aktar pożizzjonijiet u interessi komuni bejn l-Iżlanda u Malta joħorgu mill-fatt li t-tnejn huma gżejjer żgħar Ewropej. Dan ifisser li għandhom ħafna sfidi komuni, kemm b'relazzjoni mal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'istituzzjonijiet internazzjonali.*

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   *Qatt ma ħdimt f'xi Ambaxxata jew kelli taħriġ formali fid-diplomazija. Però jien okkupajt għal ħdax-il sena l-kariga ta' Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista. Dan ġabni fil-qrib tad-dinja tad-diplomazija u tgħallimt ħafna dwar dan l-irwol minn din l-esperjenza.*

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-Iżlanda u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Iżlanda?

   *Le ma kellix żjarat fl-Iżlanda u lanqas m'għandi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Iżlanda.*

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   *Le, qatt ma kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna.*

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   *Ftit ta' snin ilu kont inservi bħala CEO ta' Pitkalija Ltd., il-kumpanija responsabbli għat-tmexxija tal-Pitkalija. Madwar għaxar snin ilu, għamilt ukoll perjodu qasir naħdem fil-Malta Tourism Authority.*

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   *Iva, servejt f'diversi Ministeri u Segretarjati Parlamentari tul is snin.*

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżlanda?

   *Bħalissa nokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, fejn jekk niġi approvat bħala Ambaxxatur se nkun qed nirriżenja minn din il-kariga.*

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Iżlanda?

    *Le, m'għandi l-ebda attività kummerċjali.*

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

    *Le m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess.*

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

    *Le, m'għandix passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor.*